Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 604 / 2016

Il-Pulizja

Vs

Edward Depasquale

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Edward Depasquale detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 127380 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-17 ta' Lulju, 2016 ghal habta ta' 10.55hrs u fil-granet ta' qabel gewwa Triq l-Ghannejja B' Bugia:

1. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b' mod iehor;
2. Sakkar, gieghek jew ippermetta lil xi animal li jissakkar f' xi post minghajr ma ha dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skond ic-cirkustanzi sabiex ma thalliex lil dak l-annimal idejjaq lil girien permezz ta' nbiegh, tinwieh jew xort' ohra;

3. Talli ukoll fl-istess data kif ukoll fil-granet ta' qabel gab ruhu b' mod li ta' fastidju lil Alfred Cachia meta kien jaf jew kien imissu li kien jaf li huwa ta' fastidju ghalih;
4. B' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, sar hati ta' reat kontinwat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti semghet ix-xhieda;

Stante li l-imputazzjonijiet fil-fehma taghha irrizultaw, sabitu hati.

Applikat l-Artikolu 377 (3) tal-Kap 9 u ordnatlu li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar mid-data tas-sentenza taht penali ta' hames ewro kull jum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Edward Depasquale, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **Nullita' tas-Sentenza**

L-appellant umilment jissotometti illi s-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu hija nulla, u dan peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet minnufih ghal kundanna minghajr ma ghamlet ebda dikjarazzjoni ta' htija. Fil-fatt, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, il-Qorti wara li kkwotat l-Artikolu 377 sahqet illi l-appellant ghandu jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar mid-data tas-sentenza taht penali ta' hames (5) ewro kuljum fin-nuqqas minghajr ma ghamlet dikjarazzjoni ta' htija o meno fir-rigward tal-appellant.

Illi ghalhekk minn ezami tal-parti konkluziva tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti ghaddiet minnufih ghall-kundanna minghajr ebda dikjarazzjoni ta' htija. Issa, l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-sentenza **"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Agius** moghtija fil-15 (hmistax) ta' Marzu 2012 (elfejn u tnax) irriteniet illi:

*"Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, ifisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija iwassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll huwa suggett ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati."*

Illi inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Keith Pace** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005):

*Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex lappellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi , l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lillimputat hati , jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza . (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina"[26.11.1960]; "Il- Pulizija vs. Frans Portelli" [3.2.1992] ; "Il-Pulizija vs. Piju Gafa' " [18.4.1959] ; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" [13.10.2004] u ohrajn.)*

Fil-fatt fl-istess sentenza l-Qorti ddecidiet li:

*Ghalhekk in vista tad-diffikultajiet fuq ravvizati kemm firrikors tal-appell kif ukoll minn din il-Qorti "ex officio" , din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza*

*appellata u stante li jista' jaghti l-kaz li jkun hemm bzonn li jinstemghu il-provi ghall-ewwel darba kemm dwar lakkuza ta' serq li issa l-appellant qed jghid li ma gietx ammessa minnu , kif ukoll dwar ir-recidiva li hu qatt ma ammetta, w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, qed terga tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti ...*

Peress illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element is-sentenza moghtija fil-konfronti ta' l-appellant hija irrita u ghanda tigi dikjarata nulla stante illi ma ssegwiex d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk, konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha terga tibghat l-atti kollha, ghal gudizzju mill-gdid, quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza, u dan sabiex l-istess appellant ma jigix imcahhad mid-dritt tieghu ghal beneficcju tad-*doppio esame.*

**B. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u l-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant;**

Illi l-appellant kien jinsab akkuzat b'erbgha imputazzjonijiet kollha relatati mal-inkonvenjent illi kien qed johloq lill-parti leza Alfred Cachia minhabba l-kelb tieghu.

Illi l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi fil-kaz odjern l-unika xhud illi l-Prosekuzzjoni ressqet kien lill-allegat vittma u cioe' Alfred Cachia fejn ta' u spjega l-verzjoni tieghu tal-kaz.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Cio' nonostante pero' l-appellant ghazel li jixhed bil-gurament u jressaq diversi xhieda in sostenn tal-verzjoni tal-fatti minnu ravvizata. Illi l-appellant jirrileva illi kien hemm kunflitt ta' provi mhux biss bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' bejn ir-rapport bl-affidavit anness u l-verzjoni moghtija mill-parti leza izda sahansitra kien hemm kunflitt ta' provi qawwi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-appellant u x-xhieda tieghu.

Illi jigi rilevat illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif

jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn

spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi l-ezercizzju illi kellha taghmel l-Ewwel Onorabbli l-Qorti kien jekk f'dan il-kaz partikolari l-kelb tal-appellant kienx qieghed johloq inkonvenjent lill-parti leza u ghalhekk jekk il-verzjoni tal-fatti kif deskritt mill-vittma sehhx realment jew le u cioe' jekk il-verzjoni kif deskritta mill-allegat vittma kinitx kredibbli o meno. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tal-allegat vittma u dan billi l-Qorti trid taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru taghha, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex kostanti, u ta' fatturi ohra taxxhieda u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra, u taccirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti tela jixhed il-parti leza illi spjega illi hu flimkien ma' familju jinsabu ffastidjati u mdejqin bil-hsejjes illi jaghmel il-kelb tal-appellant. Huwa spjega illi dan il-kelb jinbah f'diversi hinijiet tal-gurnata u l-istess kelb qieghed jippreklud ih mill-mistrieh tieghu. L-istess parti leza stqarr illi din l-affari ma kinitx ta' darba imma rrepetiet ruhha diversi drabi u ghalhekk kien wasal biex jaghmel ir-rapport lill-Ufficjali tal-Pulizija halli jkunu jistghu jmexxu huma. Inoltre quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-parti leza stqarr ukoll illi l-appellant kellu shutter tal-hadid u anke l-hsejjes ta' dan is-shutter kienu qed idejquh. Illi l-parti leza ma gab l-ebda prova ohra ghajr ix-xhieda tieghu bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant ghalkemm kellu d-dritt illi ma jixhidx xehed bil-gurament u sahansitra ressaq zewg xhieda in sostenn tal-verzjoni tieghu. Illi l-appellant stqarr illi huwa ghandu kelb illi jzommu f'post apposta ghalih gewwa garaxx liema garaxx jinsab quddiem il-hanut ta' fejn jahdem hu. Illi l-appellant spjega illi huwa jmur diversi drabi jiccekja l-kelb u jara li ma jkollu bzonn xejn u mill-hanut ta' fejn jahdem

hu qatt ma sema' xi inbih jew hsejjes illi setghu ikunu ta' dwejjaq ghal haddiehor u/jew jaghti fastidju lil haddiehor. Illi inoltre spjega illi l-parti leza minn dejjem kien imqabbad mieghu u minn dejjem kien mohhu biex jaqlalu l-inkwiet u din il-kwistjoni tal-kelb ma kinitx l-ewwel darba fejn tant hu hekk illi kien sahansitra xtara kullar apposta ghall-kelb sabiex ma jinbahx. Fil-fatt, l-appellant spjega illi permezz ta' dan il-kullar jekk forsi qabel il-kelb kien jinbah illum il-gurnata ma jistax jinbah hafna u johloq storbju ghax dan il-kullar jipprekludih milli jaghmel l-istorbju. Illi l-appellant spjega wkoll illi fir-rigward tas-shutter dan kulma jifthu xi tlett darbiet meta jkollu bzonn minhabba l-hanut u zgur illi ma joqghodx jiehu pjacir jiftah l-imsemmi shutter apparti illi l-istess shutter ma tantx jaghmel hoss. Illi inoltre l-appellant spjega illi apparti l-parti leza huwa qatt ma rcieva xi ebda tip ta' ilmenti minhabba l-istorbju illi jaghmel dan il-kelb.

Illi apparti x-xhieda tieghu bil-gurament l-appellant gab ukoll zewg persuni ohra jixhdu bil-gurament in sostenn ta' dak li ntqal minnu liema zewg persuni joqoghdu u jghixu fl-istess triq u vicin ta' fejn l-appellant izomm il-kelb tieghu u cioe' Christopher Mifsud u Alfred Barbara. Illi dawn iz-zewg persuni bil-gurament taghhom xehedu illi huma ma jisimghux hsejjes u storbju gejjin mill-kelb u anzi kkonfermaw illi dan il-kelb huwa wiehed pjuttost kwiet, zghir u zgur illi ma johloqx inkonvenjent lill-girien. Illi fil-fatt huma kkonfermaw illi huma kienu jafu illi l-appellant kellu kelb ghax gieli rawh hiereg bih ghax ilbqija mhuwiex kelb illi jaghmel storbju jew jinbah b'tali mod illi johloq inkonvenjent jew fastidju lilhom.

Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi hemm kunflitt qawwi ta' provi bejn dak li ntqal mill-parti leza u dak li ntqal mill-appellant u x-xhieda illi huwa gab in sostenn. Illi l-appellant jirrileva illi flimkien mieghu hemm zewg persuni ohra illi qed jikkoroboraw il-verzjoni tieghu mentri l-parti leza ddependa biss fuq il-kelma tieghu u lanqas sahansitra gab il-familjari ma min jghix fid-dar sabiex jikkoroboraw il-verzjoni tieghu. Illi l-appellant umilment jistaqsi jekk fid-dar fejn jghix il-parti leza huwiex hu biss illi jisma' l-hsejjes tal-kelb ghax hi pjuttost stramba illi l-familjari tieghu ma telghux jikkonfermaw u jikkoroboraw il-verzjoni tal-parti leza nnifsu. Illi inoltre l-appellant isaqsi fi triq fejn apparti l-parti leza jghixu diversi nies ohra kif hu biss qieghed jilmenta minn dan il-kelb u ma sarux rapporti min nies ohra rigward l-istorbju ta' dan il-kelb.

Illi ghalhekk tenut kont tal-kunflitt tal-provi, tenut kont illi l-appellant ghazel illi jixhed bil-gurament tieghu u gab xhieda in sostenn illi lkoll ikkoroboraw il-verzjoni tieghu u tenut kont tal-fatt illi l-parti leza naqas milli jgib provi ohra ghajr kelmtu l-appellant umilment jissottometti illi huwa ghandu jigi liberat mill-akkuzi kollha hekk kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi inoltre minghjr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-appellant kellu jigi liberat mill-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu minhabba s-semplici raguni illi hemm diskrepanza lampanti bejn il-hin hekk kif imnizzel fl-akkuza, bejn il-hin hekk kif imnizzel fl-affidavit ta' PS 1226, u dak illi gie rilevat mix-xhieda tal-parti leza stess.

Illi l-appellant jirrileva illi l-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' lakkuza,* ***bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*** *Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. John Mary Briffa deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tmintax 18 ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) fejn gie ritenut illi:

*L-aggravju principali ta' l-appellant huwa fis-sens li lewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu stante li tali imputazzjoni hija wahda li fiha hemm indikat mhux biss il-gurnata izda hemm ukoll hin partikolari, u cioe` "ghall-habta tas-****7.30 p.m.****", mentri mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi dak li allegatament sehh fil-fatt gara "ghall-habta tas-****7.30 a.m.****".* ***L-appellant ghandu ragun****. Din il-Qorti semghet ix-xhieda u minn dak li qalu jirrizulta li dak li qed jigi allegat li ghamel l-appellant gara filghodu u mhux filghaxija.*

*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*

Inoltre l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Warren Piscopo deciza fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali sahansitra anke kkwotat sentenza ohra u cioe' Il-Pulizija vs. Nicolai Magrin fejn dik il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan lincident kollu seta' gie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawza, appena ntebah li kellu zball fil-hin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-zewg ittri 'am.' jinbidlu u jigu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.' Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien 'alert' bizzejjed u l-Ewwel Qorti zgur li*

*kienet tilqa' t-talba ghal tali korrezzjoni u, f'kaz li ma tilqaghhiex, tali decizjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero` ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process.*

...

*Fil-kaz in ezami l-appellant gie akkuzat b'numru ta' reati li allegatament sehhew "ghall-habta ta' 06.10 am". Il-provi jitkellmu dwar incident li sehh fis-6.00 p.m. jew ghall-habta tas-6.10 p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' W.P.S. 61 M. Cuschieri). Mela l-prosekuzzjoni setghet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuza, izda dan naqset milli taghmlu nonostante illi hija stess pprezentat provi dokumentarji mnejn kien jirrizulta l-hin korrett. L-appellant mbaghad, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, instab hati ta' reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setax jinsab hekk hati galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m.*

Illi l-appellant jirrileva illi huwa ma setax jinstab hati tenut kont tal-fatt illi fl-akkuza hemm imnizzel illi r-reati allegatament saru ghall-habta ta' 10.55 hrs (minghajr indikazzjoni jekk hux filghodu jew filghaxija ghalkemm generalment il-hin hekk kif miktub jirreferi ghall-hdax neqes hamsa ta' filghodu) mentri fl-affidavit tal-Pulizija hemm imnizzel illi huwa rcieva t-telefonata ghal habta tal-hamsa ta' filghodu u dan ifisser illi hemm diskrepanza sostanzjali fil-hinijiet allegati ta' meta saru l-hinijiet u dan zgur f'dak li jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza. Illi l-appellant jirrileva illi fl-ewwel akkuza biss imbaghad apparti l-indikazzjoni precedenti hemm ukoll indikazzjoni illi r-reat in kwistjoni sehh matul il-lejl imma din il-kwalifika tinsab biss indikata fir-rigward tal-ewwel akkuza u mhux fir-rigward tal-akkuzi l-ohra.

Illi ghaldaqstant, l-appellant jirrileva illi minhabba illi hemm diskrepanzi fl-akkuzi u cioe hemm hinijiet diversi indikati fl-akkuzi, fl-affidavit tal-Pulizija u f'dak li ntqal mill-parti leza fix-xhieda guramentata tieghu, dan ifisser illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera stante illi mill-provi prodotti jirrizulta illi semmai l-allegati reati sehhew f'hinijiet diversi minn dawk indikati fl-akkuza.

**C. Piena Erogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' l-piena illi jrid inehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva u ghalhekk il-piena kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva

illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti preliminarjament jissolleva n-nullita tas-sentenza impunjata billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti ghaddiet minnufih ghal kundanna fil-konfront ta'l-appellanti minghajr dikjarazzjoni dwar liema fatti kienet qed tinstab htija. Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti ma telenkax il-fatti li dwarhom hija kienet qed issib htija fl-appellanti, madanakollu bil-frazi "**stante li l-imputazzjonijiet fil-fehma taghha jirrizultaw, issibu hati**", din il-Qorti tifhem illi l-Ewwel Qorti kienet qed issib htija fl-appellanti ghar-reati kollha lilu addebitati. Din il-frazi tinsab imfissra fis-sentenza dattilografata iffirmata mill-gudikant u mhux f'dik imnizzla mill-Magistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi li kif jissottometti l-appellanti ma fiha l-ebda dikjarazzjoni ta' htija ghajr ghal piena li kienet qed tigi komminata fil-konfront tieghu. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :

"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."

Dan ifisser allura illi l-Qorti sejra tistrieh fuq is-sentenza dattilografata u iffirmata mill-gudikant fejn hemmhekk giet iddikjarata l-htija ghall-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-appellanti.

Maghdud dan, madanakollu, iktar minn dak ilmentat mill-appellanti f'din il-lanjanza, din il-Qorti tirravviza xortawahda mankanza procedurali fid-decizjoni impunjata u dan billi l-Ewwel Qorti tonqos milli issemmi d-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija u tghaddi semplicement biex tghid:

**"Tapplika l-artikolu 377(3) tal-Kap.9 u tordnalu li jnehhi l-inkonvenjent zmien xahar mil-lum taht penali ta' 5 kull jum fin-nuqqas."**

Dan allura ifisser illi ma hemm l-ebda artikolu tal-ligi iccitat li jikkontempla r-reati li dwarhom instabet il-htija. Il-Qorti ghalhekk hija idejha marbuta u ma tistax hlief tissolleva *ex officio* in-nullita tad-decizjoni impunjata u dan ghaliex ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".*

Premess dan allura,

*"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi* **(f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi***) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"*[1]

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravvji l-ohra sollevati mill-appellanti u tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna it-trattazzjoni mill-gdid fil-mertu tal-kaz, bl-aggravvji sollevati jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-mertu.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.